

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija)
fil-11 ta' Novembru 2021 – Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau**

(Kawża C-681/21)

(2022/C 84/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau, irrappreżentat mill-Finanzprokuratur

Parti oħra fil-proċedura: BB

Domanda preliminari

L-Artikolu 2(1) u (2)(a) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ⁽¹⁾, kif ukoll il-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' żamma tad-drittijiet kweżiti u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali – bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali – li tipprovdi li, abbażi ta' aġġustament tal-pensjonijiet, uffiċjali ta' kategorija preċedentement vantaġġata ma jibbenefikawx iktar, retroattivament, mill-ammonti ta' pensjonijiet li kellhom dritt għalihom, u li, b'dan il-mod (tneħħija retroattiva tal-kategorija preċedentement vantaġġata permezz tal-ekwiparazzjoni mal-kategorija preċedentement żvantaġġata), għandha bħala effett li l-kategorija ta' uffiċjali li kienu preċedentement żvantaġġati ma jibbenefikawx (iktar), wara l-aġġustament tal-pensjonijiet, minn ammonti ta' pensjonijiet li kien ikollhom dritt għalihom minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li kienet diġà ġiet ikkonstatata (ripetutament) mill-qrati minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-ekwiparazzjoni mal-kategorija preċedentement vantaġġata?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Litwanja)
fil-11 ta' Novembru 2021 – UAB “HSC Baltic”, UAB “Mitnija” u UAB “Montuotojas” vs Vilniaus miesto savivaldybės administracija**

(Kawża C-682/21)

(2022/C 84/33)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: UAB “HSC Baltic”,

UAB “Mitnija”,

UAB “Montuotojas”

Partijiet oħra fil-proċedura: Vilniaus miesto savivaldybės administracija

Bankrutuojanti UAB “Active Construction Management”

UAB “Vilniaus vystymo kompanija”

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 18(1), l-Artikolu 57(4)(g) u (6) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ⁽¹⁾ kif ukoll ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi ⁽²⁾ (flimkien jew separatament, iżda mingħajr limitazzjoni għal dawn id-dispożizzjonijiet biss) għandhom jiġu interpretati fis-sens li tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li tirreġistra lil operatur ekonomiku fil-lista tal-fornituri mhux affidabbli, u li b'hekk tirrestrinġi matul ċertu żmien il-possibiltajiet ta' dan l-operatur li jipparteċipa fi proċeduri ta' sejħa għal offerti ulterjuri, minħabba nuqqas sostanzjali tal-operatur ekonomiku kkonċernat f'kuntratt konkluż mal-awtorità kontraenti?

- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq (flimkien jew separatament, iżda mingħajr limitazzjoni għal dawn id-dispożizzjonijiet biss) għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni u prattika amministrattiva nazzjonali li abbażi tagħhom, a) meta kuntratt jiġi xolt minħabba nuqqas sostanzjali, l-awtorità kontraenti ma tiħux deċiżjoni formali (distinta) fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi fil-lista tal-fornituri mhux affidabbli; b) l-operatur ekonomiku ma jiġix informat minn qabel bir-reġistrazzjoni futura tiegħu fil-lista tal-fornituri mhux affidabbli u b'hekk ma jistax jipprovdri spjegazzjonijiet rilevanti f'dan ir-rigward, u lanqas ma jista' effettivament jikkontesta r-reġistrazzjoni tiegħu sussegwentement; c) l-awtorità kontraenti ma twettaq ebda investigazzjoni individwalizzata fuq iċ-ċirkustanzi tal-eżekuzzjoni ħażina tal-kuntratt u l-operatur ekonomiku legalment responsabbli min-nuqqas ikun minħabba dan awtomatikament irreġistrat fil-lista tal-fornituri mhux affidabbli meta l-kuntratt pubbliku jkun ġie legalment xolt minħabba nuqqas sostanzjali?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel żewġ domandi, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq (flimkien jew separatament, iżda mingħajr limitazzjoni għal dawn id-dispożizzjonijiet biss) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-imsieħba ta' attività komuni (operaturi li kienu kkostitwixxew fornitur komuni) li eżegwixxew il-kuntratt pubbliku li ġie xolt minħabba nuqqas sostanzjali jistgħu jstabilixxu l-affidabbiltà tagħhom u b'hekk jevitaw ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-lista tal-fornituri mhux affidabbli, pereżempju billi jinvolkaw l-importanza tal-parti (tal-valur) eżegwita mill-kuntratt, l-insolvenza tas-sieħeb mexxej, l-aġir tas-sieħeb mexxej u l-kontribuzzjoni tal-awtorità kontraenti għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt?

(¹) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68.

(²) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6 Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja)
fit-12 ta' Novembru 2021 – Nacionalinis visuomenės sveikatos centras prie Sveikatos apsaugos
ministerijos vs Valstybinė duomenų apsaugos inspekcija**

(Kawża C-683/21)

(2022/C 84/34)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Vilniaus apygardos administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nacionalinis visuomenės sveikatos centras prie Sveikatos apsaugos ministerijos

Konvenut: Valstybinė duomenų apsaugos inspekcija

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' "kontrollur" stabbilit fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (iktar 'il quddiem il-"GDPR") (¹) jista' jiġi interpretat fis-sens li jfisser li persuna li għandha l-intenzjoni li takkwista għodda għall-għbir ta' data (applikazzjoni tal-mowbajl) permezz ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għandha xorta waħda titqies bħala kontrollur minkejja l-fatt li l-kuntratt pubbliku ma ġiex konkluż u li l-prodott maħluq (applikazzjoni tal-mowbajl), li għall-akkwist tiegħu intużat proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, ma ġiex ittrasferit?
- 2) Il-kunċett ta' "kontrollur" stabbilit fl-Artikolu 4(7) tal-GDPR jista' jiġi interpretat fis-sens li jfisser li awtorità kontraenti li ma kisbitx id-dritt tal-proprjetà tal-prodott informatiku maħluq, u li għadha ma daħlitx fil-pussess tiegħu, iżda meta l-verzjoni finali tal-applikazzjoni maħluqa tipprovdri links jew interfaces lejn din l-entità pubblika u/jew il-polza ta' kunfidenzjalità, li ma kinitx approvata jew irrikonoxxuta uffiċjalment mill-entità pubblika inkwistjoni, li kienet tispeċifika lil din l-entità pubblika stess bħala l-kontrollur, għandha wkoll titqies bħala kontrollur?
- 3) Il-kunċett ta' "kontrollur" stabbilit fl-Artikolu 4(7) tal-GDPR jista' jiġi interpretat fis-sens li jfisser li persuna li ma wettqet ebda operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data kif iddefinit fil-punt 2 tal-Artikolu 4 tal-GDPR u/jew ma tatx permess/kunsens ċar għat-twettiq ta' tali operazzjonijiet għandha wkoll titqies bħala kontrollur? Il-fatt li l-prodott informatiku użat għall-ipproċessar ta' data personali nħoloq skont l-inkarigu fformulat mill-awtorità kontraenti huwa sinifikanti għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kontrollur"?